MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 48/1998/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI, GURISDIZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru, 2004 .**

**Citazzjoni numru : 48/1998G1(PC)**

Anthony Caruana,
Arthur Borg,

Carmel Xuereb,
Carmelo Sillato,
Carmelo Xuereb,
Carmel sive Charlie Borg,
Carmel sive Charlie Buttigieg,

Carmel sive Charlie Zahra, u b'nota tal-10 ta' April, 2000, Joseph Grima assuma l-atti tal-kawza minflok Carmel Zahra li jinsab imsiefer;
Eddie Gauci;
Emanuel Farrugia ;
Eucharist Sultana ;
Frank Sultana ;
Frans Mifsud ;
Grezzju Debono ;
Gregory Spiteri ;
Joe Grima ;
Joe Pace ;
Joe Vella ;
John Baptist Spiteri ;
John Bonnici ;
John Fenech ;
John Galea ;
John Saliba ;
John Spiteri ;
Joseph Cutajar ;
Joseph Muscat ;
Lawrence Mejlaq ;
Emanuel Spiteri ;
Mario Mifsud ;
Mario Spiteri ;
Michael Camilleri ;
Philip Micallef ;
Ronnie Spiteri ;
Saviour Cutajar .
vs

Anthony Tabone **.**

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi bi skrittura datata Novembru 1990, l-kontendenti kienu ftehmu b'liema mod u manjiera ghandu jitmexxa r-roster tat-taxis fil-port ta' l-Imgarr, Ghawdex, cioe' fis-sens illi 'it-taxis jibdew jghabbu minn fuq l-istand tal-Imgarr skond in-

numru progressiv taghhom, gurnata wara l-ohra indipendentement minn min jasal l-ewwel l-Imgarr, basta t-taxi u d-driver taghha jkunu pronti fuq il-post fil-gurnata u hin illi jmisshom' ;

Illi effettivament wara dik il-gurnata r-roster tmexxa dejjem bil-mod stabbilit f'dik l-iskrittura u cioe' skond in-numru progressiv tat-taxis jum wara l-iehor ;

Illi cjo' nonstante inti konvenut f'dawn l-ahhar gimghat beda jippretendi illi huwa intitolat jinjora dan il-ftehim u jipprova illi kuljum ikun huwa l-ewwel illi jghabbi minn l-Imgarr ;

Illi dan kollu qieghed jikkaguna danni u pregudizzju serju lill-esponenti illi jridu illi l-iskrittura fuq imsemmija tigi osservata rigorosament anke minnek konvenut .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. tiddikjara illi inti marbut bl-iskrittura tas-sitta (6) ta' Novembru, 1990 fil-mod illi bih ghandu jigi operat ir-roster tat-taxis fil-port tal-Imgarr gewwa Ghawdex .

2. konsegwentement tordnalek sabiex timxi skond dan ir-roster u mhux mod iehor fit-tmexxija ta' dan ir-roster, cjoe' fis-sens illi 'it-taxis jibdew jghabbu minn fuq l-istand tal-Imgarr skond in-numru progressiv taghhom, gurnata wara l-ohra indipendentement minn min jasal l-ewwel l-Imgarr, basta t-taxi u d-driver taghha jkunu pronti fuq il-post fil-gurnata u hin illi jmisshom'; u tinibik definittivament milli tipprova thaddem, jew thaddem xi forma ta' roster jew metodu iehor fit-taghbija tat-taxis mill-imsemmi port .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni prezentat kontestwalment kontra tieghek .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt .

Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni ulterjuri ghad-danni spettanti lill-atturi kontra tieghek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament mahlufa minn Carmelo Zahra .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. In-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju in kwantu f'din ic-citazzjoni ma hemmx inkluzi l-partijiet kollha li ppartecipaw u ffirmaw l-iskrittura msemmija fic-citazzjoni .
2. Illi minn naha l-ohra hemm in-nuqqas ta' interess guridiku fl-atturi Charlie Borg, Charlie Buttigieg, Frans Mifsud, Joe Vella, John Bonnici, John Fenech, John Baptist Spiteri, John Saliba, Joseph Cutajar, Emanuel Spiteri, Mario Spiteri, in kwantu dawn ma kienux firmatarji tal-iskrittura Dokument "A" .
3. Illi hemm ukoll in-nullita' tac-citazzjoni in kwantu mhux il-persuni kollha indikati bhala atturi taw il-kunsens taghhom ghal din ic-citazzjoni .
4. In-nullita' tal-kitba li a bazi taghha qeghdin jagixxu l-atturi billi ma saritx skond il-Ligi u partikoarment billi l-partijiet li ffirmawha ma tawx il-kunsens taghhom fl-istess waqt .
5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess dik il-kitba ma ghandha ebda effett vinkolanti u hija nulla u minghajr effett guridiku in kwantu tikkontjeni dispozizzjonijiet li ma humiex konformi u anki jmorru kontra l-Ligi .
6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenut ma hux tenut josserva din il-kitba u dan billi ma avverawx rwiehhom il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-artikolu VII tal-istess kitba Dokument "A" .
7. Illi minghajr pregudizzju ghal premess anki kieku dik il-kitba kellha xi validita', il-konvenut mhux tenut josservaha billi din ma hix qed tigi mharsa mill-atturi .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut mahlufa minnu .

Rat il-verbal taghha tat-18 ta' Marzu 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li din il-Qorti tordna lill-konvenut joqghod ghall-kundizzjonijiet minnu accettati skond skrittura privata li saret bejn diversi sidien tat-taxis gewwa Ghawdex[1] . Imma qabel ma tkun tista' tidhol fil-mertu tat-talbiet, hemm diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari li jenhtiegu jigu ttrattati .

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu il-konvenut qed isostni li hemm nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju ghaliex m'hemmx involuti f'din il-kawza l-firmatarji kollha tal-kitba privata li dwarha qeghdin jagixxu . Dan mhux qed jigi michud mill-atturi, li ghall-kuntrarju jiggustifikaw din l-assenza ta' uhud mill-firmatarji ta' dik l-iskrittura billi jsostnu illi dawk li ma dahlux fil-kawza ghamlu hekk ghax m'humiex interessati fil-venda tat-taxis ta' l-Imgarr li dwarha saret l-iskrittura in kwistjoni . Imma kif tajjeb jirrileva l-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, ma ngiebet ebda prova dwar dan u lanqas li dawk il-firmatarji li ma dahlux fil-kawza kienu tassew irrinunzjaw ghall-effetti ta' din l-iskrittura . In oltre f'kawza simili fejn qed jintalab li l-konvenut jigi mgieghel josserva l-kondizzjonijiet ta' skrittura li huwa accettata flimkien mal-firmatarji l-ohra kollha, ma jistax ikun illi f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-atturi din is-sentenza taghmel stat ta' fatt biss fil-konfront tal-kontendenti u fil-konfront tas-sidien l-ohra tat-taxis li joperaw f'Ghawdex u li wkoll kienu accettaw li joqghodu ghall-istess kundizzjonijiet il-konvenut ikun jista' jmexxi mod iehor .

[1] Ara Dok. A a fol. 5 - 7 tal-process .

Hekk ukoll bit-tieni eccezzjoni preliminari tieghu l-konvenut jeccepixxi n-nuqqas ta' interess guridiku f'uhud mill-atturi . Intqal f'dan ir-rigward mill-Qrati taghna illi : "*Biex tigi istitwita l-azzjoni, l-interess irid ikun (a)* ***guridiku****, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; (b****) dirett u personali*** *: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; (c)* ***attwali*** *fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur*."[2]

Irrizulta ammess ukoll mill-atturi illi  mhux kollha kemm huma kienu kompartecipi fil-ftehim raggunt permezz ta' l-iskrittura tas-6 ta' Novembru 1990 .  Jghidu illi dawn dahlu fil-kawza ghax in segwitu ghal dik l-iskrittura kienu xtraw it-taxis li qabel kienu jappartjenu lil uhud mill-kompartecipi fl-istess skrittura . Apparti l-fatt illi lanqas dwar din l-allegazzjoni ma ngiebet ebda prova konkreta, hawn ukoll ghandu ragun isostni l-konvenut illi din l-iskrittura kienet tittratta obligazzjonijiet personali li bihom intrabtu l-kompartecipi fl-iskrittura privata in kwistjoni .  Ma kienet involuta ebda proprjeta' immobbli fejn l-obbligi reali assunti mill-proprjetarji precedenti generalment jibqghu isegwu l-proprjeta’ ma’ kull trasferiment li jsir .  Lanqas ma gie ppruvat illi ma’ dawn it-trasferimenti ta’ whud mit-taxis li joperaw f’Ghawdex, jekk verament saru, s-sidien il-godda accettaw u ntrabtu li joqghodu huma wkoll ghall-obbligazzjonijiet imsemmija f’dik l-iskrittura .      Din l-eccezzjoni hija ghalhekk gustifikata wkoll .

Dwar it-tielet u r-raba eccezzjoni preliminari tieghu l-konvenut ma ressaq ebda prova u lanqas jidher illi qed isostnihom .

[2] John Muscat et vs Rachel Buttigieg et. PA  27.3.1990 vol. LXXIV. III.  .

Imma l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari rrizultaw gustifikati ghar-ragunijiet imsemmija, u filwaqt illi thallew barra mill-kawza diversi sidien tat-taxis li kienu wkoll ntrabtu b'certi obligazzjonijiet f'dik l-iskittura - u allura gialadarba ma gewx inkluzi ma' l-atturi kellhom necessarjament jitharrku bhala konvenuti - iddahhlu persuni ohra li ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' dik l-iskrittura . Ghaldaqstant ma jibqa' ebda skop li jigu ttrattati wkoll l-eccezzjonijiet l-ohra fuq il-mertu .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut u tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-istess atturi .
S4898Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------